KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 2805

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 191 tat-8 ta' Jannar 2024 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Eleanor Scerri
Aġent Skrivan tal-Kamra

**CROWD BARRIERS MADWAR IL-PARLAMENT**

**30. L-ONOR. DARREN CARABOTT jistaqsi lill-ISPEAKER:** B'referenza għall-mistoqsija parlamentari nru 6 magħmula lill-Ispeaker f'Ġunju 2022, jista' l-Ispeaker jgħid jekk għandux il-ħsieb li jitneħħew il-crowd barriers li tpoġġew mad-dawra tal-binja tal-Parlament u li ilhom hemm għal dawn l-aħħar erba' snin, liema barriers imorru kontra l-ħsieb artistiku tal-binja, u dan ukoll fid-dawl li sentejn ilu ġie ddikjarat mill-Ispeaker li se jsir xi forma ta' lqugħ ieħor, liema lqugħ baqa' qatt ma sar?

20.12.2023

**SPEAKER (L-Onor. Anġlu Farrugia):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija mis-Sedja għall-mistoqsija parlamentari nru 12 li ġiet imwieġba mis-Sedja fil-31 ta' Ottubru 2022 dwar l-istess suġġett.

Is-Sedja żżid illi minn dakinhar komplew id-diskussjonijiet mal-Grand Harbour Generation Corporation (GHRC) li ġiet identifikata bħala l-entità illi l-aħjar tista' tmexxi tali proġett. Permezz ta' dan il-proġett il-tkun qed issir sistema ta' lqugħ kif maħsub fil-pjanti oriġinali tal-binja, iżda li kinitx saret sad-data li l-Parlament mexa għall-binja l-ġdida fl-2015.

L-Uffiċċju tal-Ispeaker qiegħed ukoll jesplora l-possibilità li x-xogħlijiet ikunu finanzjati, anke jekk b'mod parzjali, minn Fondi Ewropej.

Seduta 191
08.01.2024